**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 16 - IT-TNEJN, 7 TA' NOVEMBRU 2011**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fid-8:37am.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Evelyn Muscat | Membru |

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li s-Sinj. Muscat kienet tinsab imsiefra.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

2.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

2.2. Is-Sinj. Vella staqsiet dwar para. 5.2 u jekk l-informazzjoni ġietx inkluża fil-poster. Is-SE informa li fl-aħħar verżjoni tal-poster kien hemm indikat li kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kumitat Amministrattiv huma involuti filwaqt li hemm indikat li se ssir il-*car wash*.

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON***

3.1. Iċ-*Chairperson* Cuomo infurmat li s-Sur Bonello kien ħa ħsieb li jagħmel għadd tal-karozzi pparkjati fi Triq Xatt il-Palm, Triq is-Sikka, Triq l-Iskall u Triq ir-Ridott. L-iskop kien biex tintbagħat l-informazzjoni lil Transport Malta wara li kienet saret applikazzjoni għal skema ta' parkeġġ residenzjali. Wara konsiderazzjoni il-Kumitat qabel li m'għandux jipproċedi bit-talba għaliex ħass li r-residenti għandhom biżżejjed spazju speċjalment fil-parkeġġ ta' Xatt il-Palm. Kien hemm qbil fil-ħsieb ukoll li jekk ikollha tiddaħħal din l-iskema żgur li taffettwa b'mod negattiv lil numru ta' residenti speċjalment meta jżuruhom il-familjari.

3.2. Is-Sinj. Cuomo ħabbret li aktar tard dakinhar stess kienu mistiedna hi u s-SE għal preżentazzjoni ta' fondi taħt l-iskema tal-proġetti speċjali għall-Kumitati Amministrattivi. Din il-preżentazzjoni kellha ssir il-Madliena fis-2pm.

3.3. F'dan il-ħin is-Sur Woods issuġerixxa li jsir inventarju ta' ħtiġijiet ta' tisbiħ għaliex xi drabi, speċjalment fid-daħla ta' BIĊ tidher wisq dehra ta' telqa. Kien hemm qbil però li din id-dehra hija ġejja minn siti privati u għalhekk ftit li xejn jista' jkun hemm kontroll mill-Kumitat.

3.4. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kellha f'idejha ittra anonima għalkemm hi kienet taf min kienet il-persuna iżda li ma xtaqitx turi isimha. Din l-ittra kienet tikkonċerna ilment lill-Ombudsman fuq il-ġardina li hemm tisporġi fi Triq id-Dwieli. Hija spjegat li dwar din kienet diġà tkellmet mas-Sinj. Lucy Bonello mill-Ombudsman u spjegatilha sa fejn jaslu l-funzjonijiet tal-Kunsill u l-Kumitat. Kien hemm qbil li din il-kwistjoni għandha titħalla għall-konsiderazzjoni u l-azzjoni li jista' jieħu l-Ombudsman.

3.5. Is-Sinj. Cuomo infurmat ukoll li kienet saret laqgħa fil-post dwar l-allegat problema tal-għargħar tas-Sinj. Antoinette Muscat minn Triq Anton Manwel Caruana. Din il-laqgħa saret nhar l-Erbgħa 2 ta' Novembru fis-2pm fil-preżenza tal-Periti tal-Kunsill, tas-Sinj. Cuomo, tas-SE, tas-Sinj. Muscat u tas-Sinj. Bonello mill-Uffiċċju tal-Ombudsman, għalkemm dan ma kienx ilment imressaq uffiċjalment lill-Ombudsman. Il-Periti inizjalment kienu rrakkomandaw li s-Sinj. Muscat tagħmel ilqugħ bl-injam iżda dawn għandhom jagħmlu rapport aktar 'il quddiem.

3.6. Iċ-*Chairperson* infurmat li s-Sur Stephen Vella kien għamel talba lill-Komunità tal-Patrijiet u tħalla jagħmel avviż minn fuq l-ambone waqt il-quddies dwar laqgħa ta' konsultazzjoni dwar il-proġett tat-toroq Ten-T fi Triq il-Kosta. Meta saret il-laqgħa kien hemm attendenza fqira ħafna u aktar kien hemm nies mis-Salini u minn Burmarrad milli minn BIĊ. Is-Sinj. Cuomo u s-Sur Woods kienu attendew. Issemma li ċerta Sinj. Baluci kienet ilmentat għall-fatt li ma sarux avviżi adegwati għal-laqgħa. Kien hemm qbil li l-mod kif saru l-affarijiet ma kienx b'mod professjonali u xieraq u għalhekk intalab li tinġibed l-attenzjoni ta' Transport Malta dwar dan.

3.7. Is-Sinj. Cuomo infurmat ukoll li kienet saret laqgħa ma' organizzazzjoni tal-muturi bl-isem NUTS li xtaqu jagħmlu attività fil-parkeġġ ta' Xatt il-Palm nhar it-18 ta' Diċembru waranofsinhar. Preżenti għal-laqgħa kien hemm ukoll is-Sinj. Maria Vella u s-SE. Permezz ta' din l-attività huma jiġbru numru ta' tfal tal-istitut u jorganizzawlhom festin tal-Milied. Hija kompliet li huma jkunu akkumpanjati minn numru mdaqqas ta' muturi filwaqt li t-tfal jibdew jittieħdu dawra fuq il-mutur madwar BIĊ. Huma wkoll stiednu lill-membri tal-Kumitat biex jistgħu jingħaqdu magħhom ħalli jaraw xi jsir.

## 4. L-ATTIVITÀ TAL-MILIED

4.1. Dwar l-attività tal-Milied is-Sinj. Cuomo infurmat li, kif kienet delegata mill-Kumitat, hija kisbet xi stimi u infatti kellha numru ta' proposti mingħand il-kumpanija Curtain Raiser. Mill-ħames proposti l-Kumitat għażel l-ewwel waħda, dik li tinkludi sitt atturi u sistema ta' PA għall-prezz ta' €450 għal siegħa. L-attività għandha ssir fit-23 ta' Diċembru.

4.2. F'dan il-ħin is-Sinj. Cuomo infurmat li x-xogħol fuq il-Pjazza kien se jtul aktar milli mistenni minħabba problemi fil-proċess tal-offerti mid-dipartiment

konċernat u għalhekk ix-xogħol aktarx jintemm wara Diċembru. Għalhekk mhux possibli li l-attività tal-Milied issir fil-Pjazza. L-attività għalhekk issir fis-sala taċ-Ċentru Pastorali bil-possibiltà li ssir fit-triq jekk it-temp jippermetti.

4.3. Sadanittant is-Sur Woods irrakkomanda li l-Kumitat jibgħat jiskuża ruħu mar-residenti għad-dewmien filwaqt li jinfurmahom dwar ir-raġuni li wassal għal dan. Madanakollu kien hemm qbil li l-Kumitat jistenna biex jara xi żviluppi jkun hemm minħabba li fil-preżent kien għadu għaddej ix-xogħol fuq il-ġiebja.

4.4. Meta l-Kumitat kompla jiddiskuti l-attività tal-Milied kien hemm qbil li jkun iffurmat sottokumitat magħmul mill-membri tal-Kumitati kif ukoll bil-koppja Vella li jorganizzaw *Story Telling*. Kien hemm qbil li dan is-sottokumitat jiltaqa' nhar it-Tlieta 15 ta' Novembru fis-6:30pm f'BIĊ.

## 5. CAR WASH B'RISQ L-ISTRINA

5.1. Is-Sinj. Cuomo ħeġġet lill-membri biex kemm huma kif ukoll nies li jafu biex jiġu jgħinu f'din l-attività. Kull min se jiġi jgħin għandu jipprovdi barmil, sponża u kamoxxa.

5.2. Is-SE se jirranġa biex jinġieb l-ilma possibilment mingħand il-kuntrattur tal-ġonna.

5.3. Dwar kif se jsir il-ħlas u min se jiġbor il-flus is-SE informa li kien se jkellem lill-organizzaturi ħalli possibilment jieħdu ħsieb huma.

## 6. IS-SERVIZZ TAT-TRASPORT PUBBLIKU

6.1. Is-Sinj. Cuomo fakkret li minflok in-numru 105 issa se jibda jkun hemm in-numru 205 li titlaq minn Pembroke, tgħaddi minn BIĊ, mill-Magħtab, Naxxar, Mosta u eventwalment għal Ta' Qali u r-Rabat. Hija appellat biex il-membri jsegwu r-reazzjoni tar-residenti u anki l-ħinijiet tat-trasport.

## 7. IL-FESTIVAL TAL-ĠELATI

7.1. Għalkemm il-Kumitat kien għad ma kellux il-konferma ta' kemm fondi kien se jingħata taħt l-iskema tal-attivitajiet, kien hemm qbil li għandu jkun iffurmat *working committee* biex jibda l-pjanijiet għal din l-attività li hemm il-ħsieb li ssir fl-aħħar ta' Ġunju. L-ewwel laqgħa ta' dan il-kumitat għandha ssir f'BIĊ nhar it-22 ta' Novembru fis-6:30pm. Il-membri tal-Kumitat se jkunu jiffurmaw parti minn dan il-*working committee.*

7.2. Sadanittant kienu diskussi xi suġġerimenti għal dan il-festival fosthom li possibilment isiru xi *water games*.

## 8. ĦWEJJEĠ OĦRA

8.1. Il-Kumitat iddiskuta l-proposta tas-sessjoni ta' *Team Building* fejn is-Sur Woods saħaq fuq l-importanza li din is-sessjoni ssir propju bejn il-persuni involuti fil-Kumitat u l-Kunsill. Kien hemm qbil li din għandha terġa' tiġi mressqa fil-Kunsill filwaqt li ġurnata ideali tkun xi Sibt filgħodu.

8.2. Is-SE informa li kien tefa' l-applikazzjoni għall-attivitajiet sportivi li iżda din id-darba kellha ssir applikazzjoni waħda mal-Kunsill Lokali Naxxar.

8.3. Is-Sur Bonello ippropona li tkun installata bozza fuq il-ħanut fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi. Is-Sinj. Cuomo għarrfet li kien hemm bżonn akbar ta' dwal fi Triq Anton Manwel Caruana fuq arblu eżistenti. Kien hemm qbil li għandhom jinġiebu kwotazzjoni għal dawn iż-żewġ talbiet.

8.4. Meta s-Sur Bonello semma' l-iskips li hemm fin-naħa t'isfel ta' Triq Anton Manwel Caruana kien ikkonfermat li dawn għandhom jitneħħew u ma jitpoġġew imkien f'BIĊ.

8.5. Is-Sur Bonello semma' li hemm persuna partikulari li qed idur bil-kelb u jħallih iħammeġ mingħajr ma jnaddaf warajh. Is-SE infurmah li huwa kien lest li jwissih iżda jekk jippersisti jitħarrek. Dan jista' jsir kemm-il darba s-Sur Bonello jkun lest li jixhed. Is-Sur Bonello ikkonferma li lest li jixhed u għalhekk intalab biex jipprovdi l-indirizz tal-persuna biex toħroġ twissija.

8.6. Sadanittant hemm ukoll familja li qed iħallu l-kelb tagħhom joħroġ barra waħdu u jħammeġ it-toroq. Is-Sur Bonello se jipprovdi l-indirizz ukoll.

8.7. Inġibdet l-attenzjoni fil-bżonn li jkun hemm aktar sorveljanza ta' gwardjani minħabba l-ħmieġ fit-toroq.

8.8. Is-Sur Woods informa li kien iltaqa' ma' Fr Eddie u ma' Ricky Caruana dwar il-proposta tas-Sur Caruana li jagħmel passaġġ artistiku dwar ħajjet il-bniedem li jwassal għal San Franġisk fejn saħaq li kienet proposta kreattiva u interessanti. Madanakollu l-Kumitat kien diġà ddiskuta din il-proposta u rrifjutaha.

8.9. Is-Sur Woods ippropona li għal żmien il-karnival għandha ssir attività għat-tfal li jagħmlu krafts kreattivi. Huwa għandu jipprepara dettalji dwar il-kunċett ta' din il-proposta u wara ssir laqgħa mas-Sur Graham Woodall bil-ħsieb li jgħin f'din l-inizjattiva.

8.10. Is-Sinj. Cuomo staqsiet lis-Sur Woods dwar l-IGC fejn wieġeb li se ssir laqgħa l-ġimgħa ta' wara.

8.11. Kien hemm qbil li għandhom jinbidlu l-i*stickers* tal-*boards* tal-*bring in sites* minħabba li qed jinqalgħu.

8.12. Is-Sinj. Cuomo wriet id-dispjaċir tagħha għall-fatt li ma tantx jidher li kien hemm impenn serju min-naħa tal-Pulizija biex jittieħdu l-passi dwar il-bini illegali li hemm fi Triq Anton Manwel Caruana. Kien hemm qbil li tkompli ssir insistenza dwar dan.

8.13. Kien rappurtat li xi vettura laqtet xi knaten mill-kantuniera ta' quddiem l-Oasis. Is-SE intalab li jibgħat il-ħaddiema ħalli jirranġaw.

8.14. Is-Sur Bonello informa li qiegħed jindaga fid-dettall dwar l-art tal-i*scouts* ħalli jkun stabbilit eżatt l-art li hija f'idejhom. Huwa se jgħaddi l-informazzjoni meta jikkonkludi.

8.15. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet talbet stima lill-kuntrattur tal-ġonna għat-tindif tad-daħla ta' BIC u fejn l-art tal-i*scouts*. L-istima kienet tammonta

għal €1,600. Is-SE intalab biex ikellem lill-kuntrattur ħalli possibilment inaqqas l-istima.

**9. TMIEM IL-LAQGĦA**

9.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru fit-8:30am.

9.2. Il-laqgħa intemmet fil-11am.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |